C/2026/6045

20.11.2026

# Notifika dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping

(C/2026/6045)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmijin hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

## 2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami ta' skadenza. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għat-tkomplija jew għar-rikorrenza ta' dumping u ta' dannu. F'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità biex jelaboraw dwar il-kwistjonijiet imsemmijin fit-talba għal rieżami, jirribattuhom jew jikkummentaw dwarhom.

## 3. Skadenza

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, li għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u għas-Sigurtà Ekonomika (l-Unità G-1), CHAR 4/39, 1049 Bruxelles/Brussel BELGIQUE/BELGIË ([2]), fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika iżda mhux aktar tard minn 3 xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

| Prodott | Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' skadenza ([1]) |
|---|---|---|---|---|
| Siliċju | Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>Ir-Repubblika tal-Korea<br>It-Tajwan | Dazju anti-dumping | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1394 tal-11 ta' Awwissu 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' siliċju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' siliċju kkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea u mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea jew mit-Tajwan kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 211, 12.8.2022, p. 86, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1394/oj) | 13.8.2027 |

([1]) Il-miżura tiskadi f'nofsillejl (00:00) tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/2020-08-11.
([2]) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu.